MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI INFERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tas-16 ta' Novembru, 2004

Avviz Numru. 21/2004

Francis Caruana (Gozo) Limited .

VS

Raymond Debono .

Il-Qorti ,

Rat l-avviz illi permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet lill-konvenut jghid ghaliex ma ghandux jigi kkundannat ihallas lill-istess socjeta' attrici s-somma ta' elfejn u sitt mitt lira maltija (Lm2600) minnu dovuti bhala hlas ghal provvista ta' tiles mixtrija minnu minghand is-socjeta' attrici .

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja datata 16 ta' Lulju 2004 u tal-ittra ufficjali spedita f'Lulju 2004 u bl-imghaxijiet legali mill-1 ta' Mejju, 2004 data tal-konsenja sad-data tal-hlas relattiv .

Bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni .

Rat ir-riferta pozittiva tal-konvenut, li ggib id-data tal-31 ta' Awissu, 2004 .

Innutat illi l-istess konvenut imsejjah tlett darbiet naqas illi jidher ghal l-udjenza tal-lum .

Semghet lil Raymond Caruana ghan-nom tas-socjeta' attrici jikkonferma l-kontenut ta' l-avviz, kif ukoll illi l-ammont indikat fl-istess avviz ghadu sal-lum kollu dovut, u l-konvenut ma hallas xejn minnu .

Il-Qorti, ghal hekk u peress illi jidhrilha illi t-talba attrici hija gustifikata, tiddecidi l-kawza billi tilqa' l-istess talba attrici, u tikkundanna lill-konvenut Raymond Debono, ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elfejn u sitt mitt lira maltija (Lm2600), minnu dovuti bhala hlas ghal provvista ta' tiles, cioe' madum, mixtrija minnu minghand is-socjeta' attrici .

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra interpellatorja tas-16 ta' Lulju, 2004, tal-ittra ufficjali mibghuta f'Lulju 2004, u bl-imghaxijiet legali minn l-ewwel ta' Mejju, 2004, cioe' id-data tal-konsenja, sad-data tal-hlas relattiv, kollox kontra l-konvenut .

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------